*ARTIKOLU 37 – KAP 234*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Frar, 2001**

**Kawza Numru: 6**
**Citazzjoni Numru: 2566/97RCP**

**Ascot Commodities N.V. kif debitament rappresentata mill-mandatarju lokali taghha Dottor Louis Cassar Pullicino**

**vs**

**Avukat Georg Sapiano u l-PL Gerald Bonello nominati b'digriet tat-18 ta' Dicembru 1997, bhala Kuratur Deputat sabiex jirrappresentaw lis-socjeta` Northern Pacific Shipping Limited.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi s-socjetà konvenuta hija propjetarja tal-bastiment M.V. IRINI A li huwa registrat hawn Malta bin-numru ufficcjali *4905;*

Illi s-socjeta konvenuta nnoleggjat l-imsemmi bastiment lil Startrans ta' Rotterdam taht Time Charterparty tal-4 ta' April 1997 u da parti taghha Startrans nnolleggjat l-istess bastiment u s-socjeta attrici taht Voyage Charterparty tat-3 ta' Gunju 1997 u dan sabiex tingarr merkanzija konsistenti f'kwantita ta' boroz ta' ross minn Ho Chi Minh City, Vietnam lejn "*one or two safe ports Pointe Noire/Mauritania Range*..."; in segwitu inhargu diversi poloz ta' kariku lis-socjeta attrici li nkorporaw l-istess klawsoli u kundizzjonijiet fl-istess Voyage Charterparty hawn fuq imsemmi;

Illi matul dan il-vjagg s-socjeta attrici a tenur tal-artiklu 52 ta' l-Voyage Charter, li gie inkorporat fil-Poloz ta' Kariku, isostititwiet il-Poloz ta' Kariku originali billi inhargu sett gdid ta' "*split Bills of Lading*" sabiex jigi facilitat in-negozjar tal-istess poloz lid-diversi ricevituri tal-merkanzija;

Illi Seatrans naqset li thallas lis-sidien il-*hire* pattwit mas-sidien filwaqt illi s-socjeta attrici hallset in-noll pattwit ma' Seatrans; fl-istess waqt s-sidien tal-bastiment ikkontestaw

il-validita tal-hrug tat-tieni serje ta' poloz ta' kariku u konsegwentement irrifjutaw illi jkomplu bil-vjagg lejn id-destinazzjoni prevista tant li ankraw il-bastiment f'Luanda gewwa l-Angola u bdew jesigu hlas ta' flus biex ikunu jistghu jipprosegwu bil-vjagg billi allegaw illi ma kellhomx bizejjed flus ghal dan l-iskop;

Illi in segwitu ta' proceduri kawtelotorji li gew istitwiti quddiem il-Qrati Inglizi inghatat Ordni fl-1 ta' Ottubru 1997 fejn is-socjeta konvenuta giet ordnata tipprosegwi bil-vjagg lejn id-destinazzjoni indikata fit-tieni serje ta' poloz filwaqt illi s-socjeta attrici giet rikjesta biex provisorjament u in via kawtelatorja thallas is-somma ta' US$410,000 u inoltre tipprovdi garanzija ammontanti ghal US$485,000 oltre garanzija ohra ta' US$110,000 li kienet gja inghatat u in fatti s-socjeta attrici adempjet ruhha mal-kondizzjonijiet imposti mill-Qorti Ingliza fl-imsemmija Ordni;

Illi in vista' tal-premess is-socjeta attrici ghandha pretensjoni ta' danni fil-konfront tas-socjeta konvenuta fis-sens li trid tirkupra l-ammonti avvanzati kif inghad hawn fuq kif ukoll spejjez ohra inkorsi inkluzi spejjez legali, sa' issa ammontanti ghal hames mitt elef dollaru amerikan (US$500,000) billi bhala pussessur tad-diversi poloz ta' kariku hija kienet intitolata tircevi l-merkanzija fid-destinazzjoni taghha; s-socjeta attrici sejra tipprocedi sabiex tirrikava dawn id-danni minnha subiti quddiem il-High Court of Justice gewwa Londra jew f'qrati ohra kompetenti;

Illi sa fejn taf s-socjeta' attrici, l-unika propjeta' li s-socjeta' konvenuta ghandha huwa l-bastiment hawn fuq imsemmi u ghaldaqstant il-bastiment huwa l-unika propjeta' li tista' taghmel tajjeb biex jigu mhalsa d-danni pretizi mis-socjeta' attrici f'kaz illi l-atturi jottjenu sentenza favur taghhom;

Illi jekk il-bastiment fuq imsemmi ma jibqax aktar propjeta' tas-socjeta' konvenuta jew jekk jigu kostitwiti aktar ipoteki navali fuq il-bastiment, id-drittijiet tas-socjeta' attrici jigu eluzi u ghalhekk is-socjeta' attrici ghandha interess illi, sabiex jigu kawtelati d-drittijiet taghha, l-imsemmi bastiment ma jigix trasferit lil terzi u ma johrogx mill-patrimonju tas-socjeta' konvenuta kif ukoll li ma jigux kostitwiti u registrati aktar ipoteki fuq l-istess bastiment;

Illi, a tenur tal-artiklu 37 tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti tista', fuq talba tas-socjeta' attrici, essendo parti interessata u in kawtela tad-drittijiet taghha, tordna li jigi projbit kull bejgh jew negozju ta' kwalsijasi natura fuq l-istess bastiment;

L-istess atturi noe talbu li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tordna li ma jsir ebda negozji u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment MV. IRINI A, numru ufficcjali 4905, u fir-rigward ta' kull

sehem fl-istess bastiment kif ukoll li ma jigux kostitwiti u registrati “mortgages” fuq l-istess bastiment u r-registru tieghu u dan ghal zmien li ghandu jigi specifikat minn din il-Qorti ghal dan il-ghan u taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li dina l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni u skond l-artiklu 37 tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta’ Malta; u

2. Tordna li kull ordni maghmula minn dina l-Qorti tigi notifikata lir-Registratur Generali tal-Bastimenti u Bahrin a tenur tal-istess artiklu 37 tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta Malta.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta li tibqa’ ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 5 sa 24 tal-process;

Rat id-digriet tat-18 ta’ Dicembru 1997 fejn Dr Georg Sapiano u l-PL Gerald Bonello gew nominati kuraturi deputati biex jirrappresentaw lis-socjeta konvenuta fl-atti ta’ din il-kawza.

Rat ir-rikors ta’ l-atturi u d-digriet tal-Qorti tal-11 ta’ Novembru 1997 fejn laqghet it-talba w ordnat in-notifika immedjata lir-Registratur tal-Bastimenti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati tal-5 ta' Gunju 1998 fejn gie ecceppit:

1. Illi f'dan l-istadju huma ghadhom m'humiex edotti mill-fatti u jirriservaw id-dritt illi jaghtu eccezzjonijiet fi stadju ulterjuri.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kuraturi deputati a fol 42 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduti tat-23 ta' Gunju 1998, tas-26 ta' Gunju 1998, tat-30 ta' April 1999 fejn il-kawza marret sine die.

Rat ir-rikors ta' l-atturi noe tad-19 ta' Mejju 1999 fejn talbet li l-kawza terga tigi riappuntata, u d-digriet tal-Qorti tal-24 ta' Mejju 1999 fejn il-kawza giet appuntata ghal-21 ta' Frar 2000.

Rat il-verbal tas-seduti tal-21 ta' Frar 2000 fejn Dr Louis Cassar Pullicino ta' ruhu b'notifikat bir-riappuntament tal-kawza u ddikjara li f'dan l-istadju m'ghandux provi aktar, tat-22 ta' Marzu 2000 fejn Dr Cassar Pullicino talab illi jipprezenta Nota ta' Osservazzjonijiet; tat-12 ta' Mejju 2000; tat-13 t'Ottubru 2000 fejn il-kawza bdiet tigi mismugha minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta, tat-22 ta' Novembru 2000 fejn Dr Cassar Pullicino talab li l-

kawza tibqa' ghas-sentenza, il-Qorti laqghet it-talba u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Frar 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici, a fini ta' din il-kawza, gew ilkoll ippruvati kemm bil-kontenut tad-dikjarazzjoni guramentata, kif ukoll bid-dokumenti ezebiti, u inoltre l-istess allegazzjonijiet ma gew bl-ebda mod kontradetti u ghalhekk it-talbiet dedotti fic-citazzjoni ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Kuraturi Deputati, **tilqa` t-talbiet attrici** kif dedotti fic-citazzjoni b'dan li:

1. Tordna li ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment **M.V. IRINI A,** u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment kif ukoll li ma jigux kostitwiti u registrati "mortgages" fuq

l-istess bastiment u r-registru tieghu u dan ghal perjodu sakemm jithallsu il-krediti tas-socjeta` attrici kemm il-darba dawn jigu kannozzati b'dan li s-socjeta` attrici ghandha jekk ghadha ma resqitx sallum il-pretensjonijiet taghha bil-mod kif previst fl-**artikolu 37 tal-Kap 234** tal-Ligijiet ta' Malta, totempora ruhha mad-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 37 tal-Kap 234** sabiex fi zmien tmient' ijiem millum tipprocedi ghal dak il-kreditu jew krediti bil-mod stabbilit bl-istess **artikolu 37** u bil-kundizzjonijiet stabbiliti fl-istess artikolu.

2. Tordna li din l-ordni maghmula minn din il-Qorti tigi notifikata lir-Registratur Generali tal-Bastimenti u Bahrin a tenur tal-istess **artiklu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**27 ta' Frar, 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**27 ta' Frar, 2001**